

7.12.2023

A9-0395/550

Emenda 550
Mathilde Androuët
f' isem il-Grupp ID

Rapport
Tomislav Sokol
Spazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa
(COM(2022)0197 – C9-0167/2022 – 2022/0140(COD))

A9-0395/2023

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Għalkemm ir-Regolament (UE) 2016/679 ma japplikax għad-data personali ta' persuni deċeduti, tali data, b'mod partikolari d-data dwar is-saħħa, tista' tikkostitwixxi data personali tal-qraba ta' persuni deċeduti u toħloq ċerti riskji. L-Istati Membri huma mħeġġa jippermettu jew lil persuna maħtura mis-suġġett tad-data matul ħajjitha jew qarib, jekk qarib ikollu interess leġittimu f'tali protezzjoni jew minħabba raġunijiet tal-familja denji ta' protezzjoni, jeżerċitaw id-drittijiet tas-suġġett tad-data bħala persuna deċeduta li jirriżultaw minn dan ir-Regolament wara mewtha, b'mod partikolari għan-nonparteċipazzjoni totali jew parzjali milli jkollha parti mid-data elettronika personali dwar saħħitha jew tali data kollha pproċessata għal użu sekondarju. Id-detenturi tad-data jenħtieġ li jiżguraw li d-data tal-individwi deċeduti tinżamm b'mod li jiżgura l-kunfidenzjalità ta' tali data, b'mod partikolari billi jiġu applikati miżuri tekniċi u organizzattivi rilevanti, u li tirrispetta l-individwi deċeduti u l-qraba tagħhom. L-Istati Membri huma mħeġġa jippermettu lis-suġġetti tad-data jistabbilixxu struzzjonijiet għall-ġestjoni tad-data personali tagħhom wara l-mewt. F'każ meta suġġett tad-data jkun ipprojbixxa b'mod espliċitu b'dikjarazzjoni bil-miktub, l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-

AM\1292446MT.docx

PE756.668v01-00

*suġġett tad-data minn persuna maħtura
jew qarib jenħtieġ li ma jkunx permess.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ġestjoni tad-data post-mortem hija punt moħbi fit-test. Din iż-żieda tikkoreġi dan il-punt. Dan jagħti liċ-ċittadini Ewropej kollha li jkunu taw il-kunsens tagħhom biex jikkondividu d-data tagħhom dwar is-saħħa fi ħdan l-EHDS l-għażla li jiddeċiedu jekk id-data tagħhom tistax tiġi fdata lil parti terza fdata mal-mewt tagħhom. Din l-għażla tkun modifikabbli fuq talba matul il-ħajja tal-individwu.

7.12.2023

A9-0395/551

Emenda 551
Mathilde Androuët
f' isem il-Grupp ID

Rapport
Tomislav Sokol
Spazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa
(COM(2022)0197 – C9-0167/2022 – 2022/0140(COD))

A9-0395/2023

Proposta għal regolament
Artikolu 60a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Article 60a

Ħżin, ipproċessar, backup u trasferiment ta' data elettronika dwar is-saħħa

Għall-finijiet tal-użu primarju u sekondarju tad-data elettronika dwar is-saħħa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħżin, l-ipproċessar u l-analiżi tad-data elettronika dwar is-saħħa għandhom jitwettqu esklużivament f' post jew postijiet siguri fit-territorju tal-Unjoni, minn impriża Ewropea jew konsorzju Ewropew, irregolati mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, fejn il-maġġoranza tal-parteċipazzjoni azzjonarja, kemm diretta kif ukoll indiretta, tkun Ewropea, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tiġi trasferita data personali elettronika dwar is-saħħa f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħżin, l-ipproċessar, il-backup u t-trasferiment ta' data elettronika dwar is-saħħa jridu jitwettqu minn kumpanija jew konsorzju Ewropew, fit-territorju Ewropew u jkunu rregolati mil-liġi Ewropea.

AM\1292446MT.docx

PE756.668v01-00